

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Il-Każ M.8373 — Europa Capital/Rezidor/PHD Polska)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
(2017/C 69/11)

1. Fis-27 ta' Frar 2017, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha Europa Capital LLP ("Europa Capital", ir-Renju Unit), u Rezidor Hotels APS Danmark ("Rezidor", id-Danimarka), jakkwistaw fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' PHD Polska sp. z o.o. ("PHD Polska", il-Polonja), permezz ta' xiri ta' ishma u kuntratt eżistenti ta' ġestjoni fuq medda twila ta' żmien ma' PHD Polska.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- Europa Capital: hija membru ta' grupp ta' kapital li finalment hija kkontrollata minn Mitsubishi Estate Co. Ltd ("Mitsubishi Estate Group", il-Ġappun), Mitsubishi Estate Group jopera internazzjonalment f'setturi tal-proprjeta immobbli b'enfasi prinċipali fuq il-Ġappun, l-Istati Uniti tal-Amerika, ir-Renju Unit, iċ-Ċina u l-Vjetnam.
- Rezidor: tappartjeni għal grupp ta' kapital li finalment hi kkontrollata minn Carlson Holdings, Inc. ("Carlson Group", l-Istati Uniti tal-Amerika), Carlson Group huwa grupp dinji tal-ospitalità u tal-ivvjaġġar. Il-marki tad-ditti dinjija tagħha jinkludu Quorvus Collection, Radisson Blu, Radisson, Radisson RED, Park Plaza, Park Inn by Radisson, Country Inns & Suites by CarlsonSM u Carlson Wagonlit Travel. Rezidor hija operatur, fost oħrajn, tar-Radisson Blu Centrum Hotel f'Varsavja.
- PHD Polska: hija sid il-bini tal-lukanda li jinsab f'Varsavja, u li bħalissa qed toperaw bl-isem tad-ditta Radisson Blu Centrum Hotel.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾, ta' min jinnotta li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bir-referenza M.8373 — Europa Capital/Rezidor/PHD Polska, f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.